# L-Artal ta' San Ġużepp fil-Mosta

**kitba ta' Mark Micallef B.Accty (Hons.)**

Wara li l-Mosta saret Parroċċa fis-16 ta' Settembru 1608, il-Kappillan Dun Ġwann Bezzina beda jaħseb biex jibni knisja akbar. Għalhekk qabbad lill-Arkitett magħruf Tumas Dingli sabiex jieħu ħsieb dan ix-xogħol. Dwar il-forma u tagħrif ieħor fuq din il-knisja parrokkjali tal-Mosta, nistgħu nsibu ħjiel minn dak li ħalla bil-miktub fiż-żjajjar pastorali li l-Isqfijiet ta' Malta kienu jagħmlu minn żmien għal żmien.

## L-Artal ta' San Ġużepp fil-Knisja ta' Tumas Dingli

Din il-knisja prinċipali tal-Mosta kellha numru ta' għaxar artali fosthom wieħed iddedikat lil San Ġużepp, li kien imwaqqaf minn Ġorġ Galea. Ma nsibux ħafna informazzjoni dwar dan l-artal. Biss jingħad li l-pittura fuq dan l-artal kienet tirrappreżenta l-Ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu. Ħasra li llum m'għandniex nistgħu ngawdu dan il-kwadru li kien meqjum fuq dan l-artal.

## L-Artal ta' San Ġużepp fir-Rotunda

Wieħed mill-artali li nsibu fir-Rotunda, huwa ddedikat lill-Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija. Il-kwadru ewlieni ta' dan l-artal jirrappreżenta l-Għerusija ta' San Ġużepp mal-Madonna. Għalkemm ma nsibux referenza diretta lejn dan il-misteru, San Mattew fl-ewwel kapitlu, vers 24, jgħidilna li wara li qam mir-raqda, għamel kif kien amarlu l-Anġlu u ħa lil Marija b'martu. Dan il-kwadru huwa xogħol l-artist Giuseppe Bonnici (1834–1900) u sar fl-1859, proprju mija u ħamsin sena ilu, f'Ruma. Dan il-kwadru sar taħt id-direzzjoni ta' Tommaso Minardi (1787–1871), is-Surmast ta' Bonnici. Il-kompożizzjoni tal-kwadru turi lix-xwejjaħ San Ġużepp qiegħed jieħu b'martu lil Marija quddiem is-Saċerdot tat-tempju. Madwarhom jidhru xi qraba jew ħbieb mistednin qegħdin iħarsu. Mal-ġenb, fuq, insibu anġlu, bi tliet puttini miegħu, iżomm ġilju, simbolu taż-żwieġ verġinali. Huma ħafna li kkummentaw li San Ġużepp, kif hu mpitter minn Bonnici, huwa xiħ wisq fejn il-Madonna li tidher naqra ta' tfajla. X'aktar li Bonnici għamel hekk biex jagħmel bħal pitturi rinomati ta' qablu li deħrilhom li jekk iġibu lil San Ġużepp xiħ, tispikka aktar il-verġinità ta' Marija.

Fuq kull naħa tal-artal insibu żewġ kwadri oħra wieħed jirrappreżenta lill-Familja Mqaddsa tistrieħ waqt il-Ħarba lejn l-Eġittu, filwaqt il-kwadru l-ieħor juri l-Mewt tal-Patrijarka San Ġużepp.

Il-kwadru li juri l-mistrieħ tal-Familja Mqaddsa waqt il-Ħarba lejn l-Eġittu huwa xogħol ieħor ta' Giuseppe Bonnici li sar fl-1866. Din il-ġrajja nsibuha fil-Vanġelu skont San Mattew fit-tieni kapitlu, vers 14. Il-kwadru ma fihx movimenti, imma jindika serenità kbira. Filfatt, il-kwadru juri lill-Familja Mqaddsa tistrieħ taħt il-protezzjoni ta' San Ġużepp, il-Missier Putattiv ta' Sidna Ġesù Kristu, ikkonfortati miż-żewġ anġli.

Il-kwadru l-ieħor juri l-Mewt Qaddisa tal-Patrijarka San Ġużepp li tpitter minn Salvatore Barbara fl-1861. Din il-pittura hija xogħol li jirrifletti idjoma purista – stil ġdid tan-Nazzareni. Filfatt, il-kompożizzjoni ta' dan il-kwadru turi lil San Ġużepp fuq is-sodda tal-mewt, filwaqt li qiegħed jiġi kkonfortat minn Sidna Ġesù Kristu u l-Madonna. L-għan ta' dan il-



**Il-Pittura tal-Artal ta' San Ġużepp fil-Mosta li turi ż-Żwieġ tal-Madonna ma' San Ġużepp.**

moviment kien li jqanqal biss devozzjoni, u Salvatore Barbara flimkien ma' xi wħud minn sħabu l-pitturi l-oħra bħal Cortis, Bonnici u Caruana ħadmu bl-istess stil ta' pittura.

Dawn it-tliet kwadri ta' din il-kappella kienu ħallsu għalihom l-aħwa saċerdoti Chetcuti, jiġifieri l-Monsinjuri Dun Ġużepp u Dun Ġlormu flimkien ma' ħuhom l-ieħor Dun Salv.

## Konklużjoni

Id-devozzjoni lejn l-Għarus tal-Verġni Marija għandha għeruq antiki fil-Mosta. Xhieda ta' dan huwa l-ammont ta' kwadri u statwi li wieħed isib kemm fil-Knisja kif ukoll madwar it-toroq tal-Mosta. Nagħmlu tajjeb li nibqgħu ngħożżu dan il-wirt li għaddewlna missirijietna.


Referenzi

Kotba, Kapitli u artikli:

Vella, E.B. u awturi oħra, Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha (Malta, 1972)

Cassar, George; Borg Joseph G.M. il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet (Malta, 2007).

Deguara Frans, Il-Mosta Ġrajjietha u Niesha, (Malta, 2008)

Cassar, George; Vassallo Louis. Minn tiġrib il-qedem Il-Mosta tfassal ġrajjietha (Malta, 2008).

Siti Elettroniċi

http://www.mostarotunda.com (aċċessat 03.XII.2008).


